25/2025

13 ta' Jannar 2025

Lill-E.T. Rev.ma Mons. Charles J. Scicluna,
Arċisqof Metropolita ta' Malta.

Rikors tas-Saċerdot Fr. Daniel Cardona
Arċipriet tal-Parroċċa Santa Katarina V.M.,
iż-Żurrieq;

Bil-qima kollha jesponi dan illi ġej:

li minħabba l-umdita' li titla' mill-artiż-żżebgħa tal-l-ewwel sitt piedi tal-Knisja Arċipretali bdiet titqaxxar;
li id-dehra tal-Knisja kif tidħol tidher mitluqa';
li ilu ma jisr manteniment 'il fuq minn 20 sena;
li minħabba il-fatt li wara 20 sena ma ssibx żebgħa li taqbel ma' dik eżistenti, wara li ħadna il-parir tal-perit (ara Doc Anness) iddeċidejna li jkun aħjar li niżbgħu il-Knisja miċ-ċinta l'isfel;
Il-ħsieb tagħna hu li dan il-proġett nagħmluh f' 4 fażijiet;
li dan il-proġett ma għandux jiġi jiswa iktar minn 50,000 euro (ara Stima tal- Perit);
li parti minn dawn il-flus diġa huma miġbura.
li jibqa' għandhom jinġabru minn benefatturi u attivitajiet ta' fundraising li ser jiġu organizzati għal dan il-għan;

li ġentilment nitolbok tilqa' it-talba tiegħi.

Waqt li nitlob il-Barka pastorali tiegħek,

Għoddni tiegħek fi Kristu,

Fr Daniel Cardona
Arċipriet

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
illum 14 ta' Jannar 2025.
Charles Bugeja, Kanċillier

Doc 'A'

Perit Daniel Darmanin
118, Vjal l-Indipendenza, iż-Żurrieq
daniel@danieldarmanin.com

Rev Daniel Cardona
Zurrieq Parish
Domus Curialis
Misraħ ir-Repubblika
Iż-Żurrieq

13 ta' Jannar 2025

**Stima – Tibjid tal-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq**

B'referenza għax-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir bħalissa fil-Knisja Parrokkjali, li jikkonsisti fi tqaxxir ta' żebgħa li qed tfarfar fil-knisja. Jidher li diversi żoni mal-knisja kollha se jintmessu. Għaldaqstant jiena tal-parir li biex ix-xogħol jiġi sew, il-knisja għandha tinżebagħ kollha miċ-ċinta 'l isfel. Dan għaliex huwa prattikament impossibli li wieħed iqabbel eżatt mal-kuluri li kienu ntużaw 20 sena ilu u jekk jinżebgħu xi partijiet biss, il-partijiet il-ġodda ser jistunaw mal-partijiet il-qodma. Dan ukoll meta wieħed jikkonsidra illi is-saqaf tal-kor qed jinżebagħ mil-ġdid u l-pass li jmiss ikun li jinżebgħu s-soqfa tal-kappelluni.

Huwa stmat li l-istima biex tinżebagħ il-knisja kollha miċ-ċinta 'l isfel (sal-għoli massimu ta' ca. 9.8m), bil-materjal u x-xogħol inkluż tlaħħaq ħamsin elf ewro. €50,000. Il-partijiet indurati ma għandhomx jintmessu u mhux inkluż l-ebda xogħol fuqhom f'din l-istima.

Darmanin

Perit Daniel Darmanin

Warrant no. 656